MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 233/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Mallia)
Vs
Ian Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. Fil-gimgha ta' qabel il-5 ta' April, 2004, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi xogholijiet tal-arti w oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00), mill-fond numru 129, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-lok, u bil-hin;

2. U aktar talli f'Malta, f'dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew

xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

3. U finalment talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju, 2007, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu w ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta' Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza w tiddikjara li ma saritx formalita' sostanzjali li trid il-ligi u, wara li tisma' lil Joseph Portelli u, okkorrendo, l-provi l-ohra kollha, tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Ian Farrugia mit-tielet akkuza w tirrevokaha fil-bqija w minflok issibu hati ta' dawn l-akkuzi w tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Ian Farrugia mill-ewwel akkuza w tirrevokaha fil-bqija w minflok issibu hati ta' dawn l-akkuzi w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Generali jkkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti impediet lill-Prosekuzzjoni milli taghmel prova li kienet importanti ghall-kaz taghha meta ma kellha ebda dritt li timpedixxi lill-Prosekuzzjoni minn din il-prova li ntalbet fl-ewwel rinviju ta' l-Avukat Generali w baqghet b' insistenza tintalab matul il-kawza kollha, kemm mill-Avukat Generali kif ukoll mill-Pulizija,

nonostante l-oppozizzjoni assidwa tal-Ewwel Qorti. Fit-tieni lok, il-procedura addottata mill-Ewwel Qorti kienet zbaljata w il-kondizzjonijiet imposti mill-ligi biex tigi radikata l-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-vesti taghha ta' Qorti ta' gudikatura kriminali - u cioe' Qorti li tista' tiddetermina l-mertu tal-kawza - ma gewx osservati biex b' hekk is-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri li pprecedew dik is-sentenza (wara r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali) huma manifestament nulli. It-tielet aggravju hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel zewg aggravji ;

Ikkonsidrat;

Illi huwa opportun li f' dan l-istadju jigu trattati l-ewwel zewg aggravji , ghax jekk l-Avukat Generali ghandu ragun fihom, ikun il-kaz li l-process jerga' jigi rimess lill-Ewwel Qorti biex jitkompla mill-gdid mill-istadju ta' wara r-rinviju ghall-gudizzju.

Mill-ezami tal-*iter* processwali jirrizulta li wara li l-appellat kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Isturuttorja, fid-diversi rinviji li kienu saru il-Prosekuzzjoni kienet talbet li jigi prodott bhala xhud certu Joseph Portelli u dan skond l-artikolu 405 (1) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti pero' kienet iddikjarat dan ix-xhud inammissibbli peress li l-proceduri penali fil-konfront tieghu kien ghadhom ma gewx definittivament decizi. Meta fil-21 ta' Lulju, 2006, l-Avukat Generali rrinvija l-atti tal-kumpilazzjoni ghall-gudizzju ai termini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 370 tal-Kap. 9 , kien espressament talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex, qabel ma tistaqsi lill-akkuzat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn dik il-Qorti s' intendi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tisma' l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni w dan fit-termini tal-paragrafu (f) tal-istess subartikolu. Fil-frattemp il-kawza kontra Joseph Portelli kienet giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati izda dan kien appella u dan il-fatt ingab a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti. Fl-10 t' Awwissu, 2006, meta saret l-ewwel seduta wara li l-Avukat Generali kien irrinvija l-atti tal-

kumpilazzjoni ghall-gudizzju , il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li bhala xhieda kien fadal dan Joseph Portelli (Fol. 318). Pero' dak in-nhar, wara li inqraw l-artikoli, l-Qorti injorat it-talba tal-Avukat Generali maghmula fl-istess rinviju ghall-gudizzju w apparentement ghaddiet biex tistaqsi lill-appellat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn dik il-Qorti tant li hemm verbalizzat li l-appellat kien ghazel li l-kaz tieghu jigi hekk trattat u deciz mill-Ewwel Qorti.

Inoltre fl-udjenza tad-19 t' Ottubru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati, minkejja t-talba tal-Avukat Generali fuq imsemmija w l-insistenza tal-Prosekuzzjoni fl-istess seduta ghax-xhud Portelli, ghamlet is-segwenti verbal :-

*"Il-Qorti peress illi fil-fehma taghha dan l-istess xhud [Joseph Portelli] ghadu xhud inammissibbli kif gja dekretat minn din il-Qorti u peress illi dan huwa l-uniku xhud li fadal tal-Prosekuzzjoni tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa."* (Sic!)

Rinfaccjat b' dan il-verbal, fit-13 ta' Novembru, 2006, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta nota fejn rega talab li Portelli jinstema'. Din it-talba giet michuda mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Dicembru, 2006. Portelli ma baqax xhud inammissibbli meta l-kawza tieghu giet definittivamnent deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru, 2006. Konsegwentement il-Kummissarju tal-Pulizja, fl-14 ta' Dicembru, 2006, talab lill-Ewwel Qorti biex tirrevoka "*contrario imperio"* d-Digriet taghha tal-4 ta' Dicembru, 2006, izda din it-talba giet michuda dak in-nhar stess.

Il-kawza baqghet tiehu l-kors taghha. Meta l-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 415 et seq.) ghamel nota ta' sottomissjonijiet rega' tenna li kien qed jaghmel dawn is-sottomissjonijiet minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta' l-ammissibilita' tax-xhud Joseph Portelli. Il-kawza eventwalment marret ghas-sentenza li nghatat fil-31 ta' Mejju, 2007. F' din is-sentenza, bhala parti mill-motivazzjoni ghall-liberazzjoni tal-appellat, adduciet in-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-provi indizjarji (fingerprints) minn xi xhieda ohra.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti, meta kienet ghada qed tagixxi ta' Qorti Istruttorja, kienet korretta meta rriteniet li Joseph Portelli bhala ko-akkuzat, sia pure fi proceduri differenti, ma setax jigi prodott bhala xhud qabel ma l-proceduri kontra tieghu jinghalqu definittivament, kienet korretta, s-sitwazzjoni assumiet dimensjoni ohra wara li l-Avukat Generali pprezenta nota ta' rinviju ghal gudizzju. Din ma kienetx nota semplici fejn gew indikati l-artikoli li tahthom skond l-Avukat Generali setghet tinstab htija kontra l-appellat, imma wahda sa certu punt kondizzjonata, w bazata fuq l-artikolu 370 (3) (f) introdott ghall-ewwel darba bl-Att XXIX ta' l-1990. Dan l-artikolu jiddisponi li :-

*"Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b) il-qorti ghandha tisma' dik ix-xhieda ohra li tista' tigi indikata mill-Avukat Generali fl-istess nota li biha jibghat lill-persuna akkuzata sabiex tkun iggudikata mill-Qorti fuq imsemmija skond il-paragrafu (a)"* (sottolinear ta' din il-Qorti.).

Issa fil-waqt li hu minnu li forsi kien ikun aktar attinenti mall-vot tal-ligi kieku fl-ahhar paragrafu ta' din in-nota (Fol. 317) issemma espressament l-isem ta' x-xhud Joseph Portelli minnflok l-espressjoni vaga :-

*"a) u dan biss wara li tisma l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni."*

jidher li l-prosekuzzjoni proprju fl-ewwel seduta wara din in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, ddikjarat li bhala xhieda kien fadal Joseph Portelli. (fol. 318). Dak in-nhar pero' qabel ma l-prosekuzzjoni setghet taghmel din id-dikjarazzjoni, l-Ewwel Qorti qabzet il-foss u wara li nqraw l-artikoli, gie verbalizzat li l-appellat iddikjara li kien qed jaghzel li l-kawza tieghu tigi trattata w deciza minn dik il-Qorti (li allura kienet ikkonveriet ruha dak il-hin f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali minn wahda Istruttorja).

Illi bir-rispett hawn sar zball gravi mill-Ewwel Qorti ghaliex dan ma setghetx taghmlu qabel ma tisma "l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni" a tenur tan-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju u tal-art. 370 (3) (f) tal-Kodici Kriminali. L-Ewwel Qorti li, sa dak il-hin kienet ghadha qed tagixxi fil-kompetenza taghha bhala Qorti Istruttorja, kien imissha l-ewwel interpellat lil-ufficjal prosekutur biex jiddikjara x' kienu dawn "l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni" u wara li tigi informata li dawn kienu jikkonsistu fix-xiehda ta' Joseph Portelli, tara jekk il-process kontra Portelli kienx gie definittivament konkluz (fil-fatt kien gja wasal fl-istadju tal-appell) u , jekk le, ladarba l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti ghalih, jekk hemm bzonn tiddiferixxi l-kawza "*sine die"* sakemm il-kaz kontra dan Portelli jigi deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali f' dan il-kaz, umbaghad wara li tisma' lil dan Portelli - dejjem bhala Qorti Istuttorja - tistaqsi lill-appellat odjern, jekk kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza u trattata minn dik il-Qorti u f' kaz li dan jiddikjara li ma kellux tali oggezzjoni, mbaghad awtomatikament tikkonverti ruha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w tkompli bil-kawza sal-istadju finali tas-sentenza f' din l-ahhar kompetenza.

Dan ma sarx u dan zgur jirrendi l-procedura segwita mill-Ewwel Qorti, zbaljata, irritwali u nulla, ghax l-Ewwel Qorti kkonvertiet ruha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali qabel ma seta' jintlahaq dan l-istadju w cioe' qabel ma titwettaq it-talba tal-Avukat Generali ghas-smiegh tal-ahhar provi tal-prosekuzzjoni.

Imma l-irregolarita' ma waqfitx hawn! Fit-tieni seduta wara n-Nota ta' rinviju ghal gudizzju w cioe' dik tad-19 ta' Ottubru, 2006, (fol. 319), meta l-ufficjal prosekutur rega' ddikjara li l-prosekuzzjoni kien fadallha bhala xhud lil Joseph Portelli u ghamel riferenza ghall-artikoli tal-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti b' mod ghal kollox zbaljat iddikjarat "**l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa"** bhallikieku xi Qorti tista' tarroga ghaliha, dikjarazzjoni li necessarjament trid tigi mill-parti li tkun interessata w minn dik il-parti biss u hadd aktar.

Bhala rizultat ta' dan, il-Prosekuzzjoni giet priva milli tipproduci xhud li zgur kien jidher *'prima facie'* rilevantissimu w importanti ghall-istess prosekuzzjoni. Li hu stramb hu li anki wara li l-Ewwel Qorti giet debitament informata li l-proceduri kontra dan Joseph Portelli kienu gew konkjuzi definittivament b' sentenza ta' din il-Qorti w kienet ghada ghat-tempo li tisimghu qabel ma tghaddi ghas-sentenza taghha, baqghet tirrifjuta li tisimghu.

Illi gie ripetutament ritenut f' appelli minn kawzi decizi mill-Qrati tal-Magistrati li jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq  jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara **“Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri”** App. Krim. [5.1.1996] ).  Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta’ appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara ”**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” App. Krim. 25.7.1994). F’ sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa’ ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b’ mandat t’ akkumpanjament jew b’ mandat t’ arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet: il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara **“Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**” App. Krim. 8.1.1996 **"Il-Pulizija vs. Mark Haraghty"** [28.9.2006] **u "l-Pulizija vs. Joslann Brignone"** [8.2.2007] u ohrajn).

Issa f' dan il-kaz ix-xhud ma setax jigi prodott mhux minnhabba xi traskuragni jew inefficjenza tal-Prosekuzzjoni imma ghax kien hemm raguni valida fil-ligi li kienet skond l-Ewwel Qorti stess tiskwalifikah TEMPORANJAMENT milli jixhed. Ghalhekk is-soluzzjoni kienet li l-Ewwel Qorti tistenna ftit gimghat sakemm jinqata' l-appell minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2006. Wara kollox l-"*unholy haste*" li uriet l-Ewwel Qorti biex tipprocedi xorta ma jidhirx li wasslet ghal xi decizjoni subitanea wara d-differiment tal-10 t' Ottubru, 2006, ghax il-kawza spiccat giet deciza biss fil-31 ta' Mejju, 2007, u cioe' aktar minn hames xhur wara li Joseph Portelli kien finalment sar xhud producibbli mill-Prosekuzzjoni w ammissibbli.

Fiz-zewg zbalji li saru sar ksur procedurali ta' natura sostanzjali li ghandu jwassal biex kemm il-proceduri kif ukoll is-sentenza appellata tigi annullata.

Ghal dawn il-motivi l-ewwel zewg aggravji tal-Avukat Generali huma pjenament gustifikati w l-appell qed jigi milqugh.

In vista tad-decizjoni li ser tinghata mhux il-kaz li din il-Qorti tinesti l-mertu ghab-bazi tat-tielet u l-ahhar aggravju tal-Avukat Generali f' dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara il-proceduri kollha li saru quddiem l-Ewwel Qorti minn wara l-prezentata tan-Nota ta' Rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Lulju, 2006 bhala nulli, irritwali w bla effett u ergo qed tannulla ukoll is-sentenza appellata, w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tipprocedi mill-gdid a tenur tan-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali billi fl-ewwel lok tisma x' xhieda ta' Joseph Portelli bhala Qorti Istruttorja umbaghad wara tistaqsi lill-appellat akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn dik il-Qorti w wara tipprocedi skond kif jiddikjara l-istess akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------